Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

It- Tnejn 23 ta' Frar 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.06pm

**21.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

21.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

21.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

21.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**21.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

21.3.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li d-*dustbins* ġodda li nxtraw, ġew installati kif ukoll tkompla il-manutenzjoni fuq il-fanali dekorattivi li jinsabu ġewwa l-Mdina.

21.3.2 Is- Sindku talab lis- SE biex tintbgħat reminder permezz ta' l-avukat tal-Kunsill lil Transport Malta għar-rigward tal-Pelican Lights fejn ir- Roman Villa kif ukoll fir-rigward tat-tibdiliet li għandhom isiru fir-rigward ta' dħul ta' karozzini ġewwa l-Mdina..

21.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li fl-aħħar laqgħa ta Rehabilitation Mdina Committee hemm il-ħsieb li fi Howard Gardens jiġi nstallat taraġ li jwassal għal Foss ta' L-Mdina biex b'hekk nevitaw li l-pubbliku jimxi minn taħt il-mina għal Greeks Gate.

21.3.4 Is- Sindku infurma lil Kunsill li x-xogħolijiet li għandhom isiru mid- Dipartiment tax-Xogħolijiet għadhom pendenti minħabba li għadna nistennew *clearance* mil- Lands Department.

21.3.5 Is- Sindku infurma lil Kunsill li ġie ffirmat il- ftehim ma' l-MTA għal dawn is-sentejn li ġejjin fejn ingħatajna l-għotja ta' €12,000 għaz-zamma u manutenzjoni ta' Howard Gardens.

**21.4 Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għas- Sena 2025- Approvazzjoni**

21.4.1 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2025 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Prezenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill

21.4.2 Ingħatat spjegazzjoni mill-accountant tal-Kunsill fuq dan id-dokument u s- Sindku ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

21.4.3 Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2025 ġie approvat unanimament

**21.5 Rapport Finanzjarju għat Tlett Xhur minn Ottubru sa Diċembru 2025**

21.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

21.5.2 Rapporti finanzjarji ġew approvati mill-Kunsill unanimament

**21.6 Kuntratt MLC04-2024- Variations fil-Kuntratt- Approvazzjoni**

21.6.1 Wara li kien hemm xi addizzjonijiet fil-pjanti oriġinali għal installar tal-fencing f'Howard Gardens, il-perit tal-Kunsill bgħat dawn il-variations (mehmuza) għal approvazzjoni tal-Kunsill.

21.6.2 Il-Kunsill approva dawn il-variations unanimament.

**21.7 Proposta- Classical Mdina "A walk trough music and gastronomy"**

21.7.1 Għal din il-proposta ġie mistieden jattendi is- Sur Donovin Borg fejn ta' spjegazzjoni ta' dan il-proġett fejn hemm il-ħsieb li jiġu organizzati xi eventi b'rabta ma' l-istorja ta' l-Mdina kif ukoll ma dak l-ikel gastronomiku ta' Malta.

21.7.1 Il- Kunsill ser jara x'fondi ser jingħatawlu mir- Reġun Punent fejn għandu x'jaqsam dak kulturali u jara'jistax dan l-avveniment jistax isir.

**21.8 Kwotazzjonijiet għal Contracts Manager tal- Kunsill – Approvazzjoni**

21.8.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet li rċieva biex jingħata dan is-servizz fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-irħas offerta kienet ta' Synthesis Management għal ammont ta' € 5890.56 (VAT inkluz).

21.8.2 Il-Kunsill approva unanimament

**21.9 Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2026**

21.9.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport biex niġġustifikaw il-fondi ta' aġġustament li ngħataw mid- DLG.

21.9.2 Dan ir- rapport ġie approvat unanimament.

**21.10 Talba għal kumpens inċident bil-karozza Greeks Gate**

21.10.1 Il-Kunsill ta' L-Mdina rċieva rapport tal- Pulizija fuq incident li ġara nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar 2026 ġewwa d-daħla tal- Bieb tal-Grieki meta il-bieb prinċipali minħabba il-maltempata Storm Harry bir-riħ li kien hemm nfetaħ f'daqqa b'konsegwenza li dak il-ħin

kienet għaddejja karozza u ntlaqtet.

21.10.2 Id-dokumentazzjoni mitluba skond direttiva maħruġa mid- DLG ntbgħatu u fejn s-somma tlaħħaq l-ammont ta' €739.50.

21.10.3 Il-Kunsill approva li dawn id-danni jitħallsu la darba jiġu mibghuta l-irċevuti ta' l-ispejjez.

**21.11 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

21.11.1 AKL- Seminar dwar pjattaforma ġdida online għal applikazzjoniijiet għal *bus shelters* nhar 26 ta' Marzu 2026.

21.11.2 JP2 Foundation- Talba biex kor mill- Burnsville High School Choir, USA ikanta fuq is- Sur ta' L-Mdina. 11 ta' April 2026. Il-Kunsill approva.

21.11.3 Socjeta Agrarja- Talba biex ssir laqgħa dwar l-Mnarja 2026.

21.11.4 PA 253/26. Applikazzjoni sottomessa Planning Authority dwar Palazzo Santa Sofia. Il-Kunsill ha nota ta' din l-applikazzjoni.

21.11.5 FIAT 500 Club Italia- Talba biex tiġi organizzata wirja ta' karozzi fi Pjazza San Pawl. Din it-talba ma ħietx approvata mill-Kunsill.

21.11.6 Għaqda Muzikali L'Isle Adam- Talba għal -organizzazjoni ta' mani festazzjoni bl-istatwa tal-Gran Mastru L'Isle Adam. Il-Kunsill approva b'ċertu kundizzjonijiet.

21.11.7 DLG- Deputat Segretarju. Il-Kunsill ikkonferma lis- Sinjura Doriette Farrugia bħala Deputat Segretarju tal-Kunsill ta' l-Mdina.

21.11.8 Ufficċju tal- President. Talba biex tiġi organizzata Pre- war car show fil-15ta' Novembru 2026 fi Pjazza San Pawl. Il-Kunsill qed joffri it- Tomba Area biex titella' din l-attivita għar-raġuni li fi Pjazza San Pawl ma tistax ssir.

21.11.9 Veduta Restaurant- talba biex siġrali għadha ħajja u li sar fuqha intervent wara l-ħsarat ta' storm harry titneħħa kompletament minħabba xi ħsarat li jistgħu isiru fil-basement tal-bini tagħhom. Il- Kunsill ma għandux intenzjoni li din is-siġra tinqala.

**21.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

21.12.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 23 ta' Far 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 36,422.54

21.12.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**20.9 Tmiem tal- Laqgħa**

20.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.39 pm u ġiet aġġornata għad-23 ta' Marzu 2026 fit-3pm.

IFFIRMATI

_______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATI

_______________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___23 ta' Marzu 2026__